MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1924/2004

**Maltacom plc**

**Vs**

**Alfred Balzan u b’ digriet tal-25 ta` April 2005 giet ordnata l-kjamata in kawza ta` Doris Cassar**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` seba` mija u hamsa u sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm765.22c) rapprezentanti in konnessjoni ma` servizz telefoniku fuq in-numru 21488189 liema servizz gie installat fil-fond ‘Odette House’ 36 Triq Indri Calleja, Birkirkara skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenut u indikati fil-prospett annessi Dok A u Dok B mal-Avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb li in kwantu ghas-somma ta` tmenin lira Maltin (Lm80) din mhix kontestata ghalkemm giet irrifjutata mis-socjeta` attrici fis-27 ta` Frar

2004 wara li ntbaghat cheque mill-konvenut a saldu tal-kont pendenti. Illi in kwantu ghall-bilanc rimanenti mis-somma indikata fit-talba attrici, din is-somma mhix dovuta mill-konvenut stante li tipprezenta kont ta` telephone tat-tip *mobile calls only* ghall-perjodu wara 30 ta` Jannar 2001, data li fiha l-konvenut kien qatgha s-servizz tat-telefonati li jibdew bin-numru 0 (li dak iz-zmien kien jinkludi l-mobiles u t-telefonati internazzjonali kollha) permezz ta` formola minnu ffirmata go ufficcju tas-socjeta` attrici, u ghaldaqstant it-tip ta` telefonati li prezentement qed issir talba ghall-hlas taghhom qatt ma setghu jsiru, u dan kif jidher mill-korrispondenza annessa mar-risposta u li fihom ukoll il-konvenut talab lis-socjeta` attrici li nvestiga l-abbuz minn terzi fuq din il-linja, specifikatament billi l-inkwilina tal-fond fejn huwa registrat dan in-numru, ossia Mary Doris Cassar (ID 350551M).

Ra d-dokumenti kollha esebiti kif ukoll ix-xhieda ta` Dr Ingrid Zammit Young u ta` Alfred Balzan.

Ra li l-imsejha fil-kawza debitament notifikata ma pprezentat l-ebda risposta.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kont mitlub mis-socjeta` attrici jirrigwarda servizz telefoniku li jkopri l-perjodu minn Gunju 2002 sa Ottubru 2003.

Jirrizulta wkoll illi s-servizz telefoniku huwa registrat fuq isem il-konvenut Alfred Balzan, izda f' Jannar 2001 il-konvenut talab li n-numru "00" jigi *barred* mill-istess servizz biex b' hekk la jkunu jistghu jsiru telefonati internazzjonali u lanqas telefonati fuq *mobiles*.

Il-vertenza fil-kawza odjerna tikkoncerna biss jekk il-konvenut huwiex responsabbli ghall-mobile calls billi huwa qieghed jammetti li ghandu jhallas ghall-kumplament u sahansitra kien anke offra pagament ghas-saldu ta` dak li dehrlu li kien rimanenti, izda s-socjeta` attrici rrifjutat tali hlas.

Mix-xhieda prodotti, it-Tribunal huwa sodisfatt li effettivament f'Jannar 2001 il-konvenut kien ta struzzjonijiet lis-socjeta` attrici biex ma thallix li jsiru telefonati fuq in-numru "00" mis-servizz telefoniku in kwistjoni u minn ezami tad-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-parti sostanzjali tal-ammont mitlub jikkoncerna Go Mobile calls u Vodafone calls li huma ndikati fuq il-prospett hawn anness u mmarkat Dokument A li jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dak iz-zmien l-Vodofone u GO Mobile calls kienu jibdew bin-numri "00" u ghalhekk suppost li kienu *barred*.

Illi dawn il-Vodafone u Go Mobile calls jirrizultaw li saru mill-istess servizz telefoniku kontra l-volonta tal-konvenut Balzan u kontra l-ftehim li huwa lahaq mas-socjeta` attrici u ghalhekk il-konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallas dawn l-ammonti.

Illi inoltre, mill-provi prodotti huwa probabbli li dawn it-telefonati saru mill-kjamata in kawza Cassar u ghalhekk hi ghandha thallas ghall-istess u dan billi ghalkemm huwa minnhu li m'ghandhiex rabta kontrattwali mas-socjeta` attrici, hija wzat is-servizz telefoniku in kwistjoni ghall-vantagg taghha u b'hekk hija obbligata li tikkompensa ghal dan is-servizz ghaliex altrimenti tkun qeda tarrikixxi ruhha indebitament.

Illi l-calls li huma GO Mobile u Vodafone huma kif indikati f'dan l-prospett:

| Bill Date | Trans Date | Type | Amount |
|---|---|---|---|
| 01/10/2003 | 20/10/2003 | go mobile calls | 23.77 |
| 01/10/2003 | 20/10/2003 | vodafone calls | 20.94 |
| 01/08/2003 | 18/08/2003 | go mobile calls | 43.47 |
| 01/08/2003 | 18/08/2003 | vodafone calls | 314.71 |
| 01/06/2003 | 19/06/2003 | go mobile calls | 35.98 |
| 01/06/2003 | 19/06/2003 | vodafone calls | 134.38 |
| 01/04/2003 | 07/05/2003 | go mobile calls | 15.94 |
| 01/04/2003 | 07/05/2003 | vodafone calls | 70.35 |
| 01/02/3003 | 18/03/2003 | go mobile calls | 2.28 |
| 01/02/2003 | 18/03/2003 | vodafone calls | 15.32 |
| 01/12/2002 | 10/12/2002 | vodafone calls | 0.28 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01/10/2002 | 20/11/2002 | go mobile calls | 0.72 |
| 01/10/2002 | 20/11/2002 | vodafone calls | 0.90 |
| 1//8/2002 | 30/10/2002 | go mobile calls | 0.72 |
| 01/08/2002 | 30/10/2002 | vodafone calls | 2.59 |
| 01/06/2002 | 18/09/2002 | go mobile calls | 0.17 |
| 01/06/2002 | 18/09/2002 | vodafone calls | 1.83 |
| 01/04/2002 | 21/06/2002 | go mobile calls | 0.76 |
| 01/04/2002 | 21/06/2002 | vodafone calls | 1.00 |
| **TOTAL** | | | **686.11** |

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qeda titlob il-hlas ta` seba` mija u hamsa u sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm765.22c), minn din is-somma ghandu jitnaqqas l-ammont ta` sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm686.11c) biex jigi bilanc ta` disgha u sebghin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm79.11c) li huwa l-ammont dovut mill-konvenut Balzan, mentri s-somma ta` sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm686.11c) fuq imsemmija hija dovuta mill-imsejha fil-kawza Doris Cassar.

Illi fir-risposta tieghu l-konvenut wiegeb illi huwa kien offra s-somma ta` tmenin lira Maltin (Lm80) qabel il-kawza, izda din is-somma ma gietx accettata.  B'danakollu huwa naqas milli jiddepozita l-istess somma fir-Registru tal-Qorti u ghalhekk bl-offerta wahida u mhux seqwita minn depozitu l-Qorti ma jistax jinghad li huwa ezima ruhu minn kull responsabbilta' skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi t-Triibunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenut Anthony Balzan fis-somma ta` disgha u sebghin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm79.11c) u fil-konfront tal-imsejha fil-kawza Doris Cassar fis-somma ta` sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm686.11c).   L-interessi jibdew jghaddu mid-data rispettiva tan-notifika tal-Avviz lill-konvenut u lill-imsejha fil-kawza skond l-ammont rispettiv, mentri l-ispejjez tal-kawza jkunu kwantu ghal 1/10 ghall-konvenut Balzan u 9/10 ghall-imsejha fil-kawza Doris Cassar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------